Il-Kummissjoni Ewropea

# IL-VJAĠĠ TĦASSAR? SE JIDDAWWAR ĦAFNA?

## It-trasportaturi tax-xarabank jew tal-kowċ huma marbutin bil-liġi li jgħarrfuk bi

**Id-drittijiet tiegħek bħala passiġġier disponibbli għalik**



# DRITTIJIETEK



## u dwar fejn tista' tilmenta

## DRITTIJIET ĠENERALI TAL-PASSIĠĠIERI

### BILJETTI U NONDISKRIMINAZZJONI

It-trasportaturi joħorġulek il-biljett.
Int u tixtri l-biljetti jew waqt il-vjaġġ, ma tistax tiġi diskriminat minħabba n-nazzjonalità, ir-residenza jew xi diżabilità li jista' jkollok.

### MOBILITÀ MNAQQSA

Meta tivvjaġġa distanzi itwal minn 250 km, jekk int persuna b'diżabilità jew b'mobilità mnaqqsa, int għandek id-dritt għall-għajnuna bla ħlas fuq ix-xarabank u l-kowċ. Din tingħata abbord jekk ikun hemm persunal ieħor apparti x-xufier u fil-vened maħsuba.
L-għajnuna tista' tingħatalek aħjar jekk mill-inqas 36 siegħa qabel it-tluq, tgħarraf lill-kumpanija tax-xarabank jew tal-kowċ bil-ħtiġijiet tiegħek.
Int għandek dritt għal kull informazzjoni ġenerali dwar il-vjaġġ.

### INFORMAZZJONI

Il-kumpaniji tax-xarabank u l-kowċis kif ukoll it-terminals tax-xarabank iridu jgħarrfuk biċ-ċirkostanzi tal-vjaġġ tiegħek kemm qabel il-vjaġġ kif ukoll matulu. Dawn għandhom jagħtuk informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

### RESPONSABILITÀ

Fejn jidħlu vjaġġi itwal minn 250 km, il-kumpaniji tax-xarabank u l-kowċis jistgħu jinżammu responsabbli f'każ ta' korriment jew ta' mewt minħabba inċident fit-triq. Suġġetti għal ċerti kriterji, dawn jistgħu jinżammu responsabbli għal telf u ħsara tal-bagalji tal-idejn (inkluż it-tagħmir għall-mobilità).

### VAGANZI ORGANIZZATI

L-operaturi tal-vaganzi organizzati jridu jagħtu informazzjoni preċiża dwar il-vaganza bbukkjata, jirrispettaw l-obbligi fil-kuntratt u jħarsu lill-passiġġieri f'każ ta' insolvenza tal-organizzatur.



**Żur is-sit ec.europa.eu/passenger-rights u niżżel l-app tad-drittijiet tal-passiġġieri jew ċempel lil Europe Direct fuq 00800 6789 10 11*.**

*Xi operaturi tat-telefown jaf ma jħallukx iċċempel bin-numri 00800 jew inkella jżommulek il-flus għal dan is-servizz.

## IL-VJAĠĠ TĦASSAR? SE JIDDAWWAR ĦAFNA?

### INFORMAZZJONI

Int għandek id-dritt għall-informazzjoni dwar it-tħassir tas-servizz u l-ħinijiet stmati tat-tluq u tal-wasla malli din l-informazzjoni tkun disponibbli.

### GĦAJNUNA FIT-TERMINALS TAX-XARABANK

Meta tkun qed tistenna biex tkompli l-vjaġġ tiegħek, int jaf ikollok id-dritt għal ikel u xorb jekk dawn ikunu jistgħu jingħataw, akkomodazzjoni (jekk meħtieġa) u trasport lejn l-akkomodazzjoni u minnha. Dan japplika għal dewmien ta' mill-anqas sagħtejn, u f'każ biss ta' vjaġġi itwal minn 250 km u li jieħdu mill-anqas tliet sigħat. It-trasportatur ma jkollu ebda obbligu ieħor li jipprovdi l-għajnuna ladarba tkun aċċettajt rimborż tal-biljett jew li tibbukkja mill-ġdid għal data aktar tard.

### JEKK TAGĦŻEL LI MA TIVVJAĠĠAX

Int jaf ikollok id-dritt għall-flus lura tal-biljett u, jekk ikun hemm bżonn u tiddeċiedi li ma tivvjaġġax, għandek dritt għal vjaġġ lura bla ħlas lejn l-ewwel punt tat-tluq tiegħek mill-aktar fis. Dan japplika għal vjaġġi itwal minn 250 km, jekk ikun hemm dewmien ta' mill-anqas sagħtejn jew jekk jitħassar il-vjaġġ.

### KONTINWAZZJONI JEW ROTTA ALTERNATTIVA

Fejn jidħlu vjaġġi itwal minn 250 km, int għandek id-dritt għal rotta alternattiva għad-destinazzjoni finali tiegħek mill-aktar fis possibbli bla ma tħallas żejjed, b'kundizzjonijiet tat-trasport komparabbli. Inkella tista' tiftiehem ma' tax-xarabank jew ma' tal-kowċ biex tibbukkja mill-ġdid għal data aktar tard jekk dan ikun aktar konvenjenti għalik.

### KUMPENS

Fejn jidħlu vjaġġi itwal minn 250 km, jekk il-vjaġġ jitħassar jew jiddawwar aktar minn sagħtejn, u jekk il-kumpanija tax-xarabank jew tal-kowċis ma toffrilekx l-alternattiva ta' flus lura tal-biljett jew ta' kontinwazzjoni/rotta alternattiva, int jaf ikollok dritt għal kumpens ta' 50 % tal-prezz tal-biljett.

Innota li qabelxejn, din il-leġiżlazzjoni tapplika għal servizzi tax-xarbank u tal-kowċis f'distanzi twal (itwal minn 250 km) u xi pajjiżi huma eżenti minn partijiet ta' din il-leġiżlazzjoni. Jekk trid tkun taf aktar dwar is-servizzi f'distanzi qosra u l-eżenzjonijiet nazzjonali, tista' tikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli. Għal-lista tal-awtoritajiet ara http://ec.europa.eu/transport/passenger-rights/

Dan l-avviż qiegħed biss għal skopijiet ta' informazzjoni. Kull pretensjoni legali li ssir u kull azzjoni legali li tittieħed f'każ ta' tilwima għandha tistrieħ biss fuq it-testi legali kkonċernati. Dawn jinsabu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, B-1049 Brussell.

*Mobbiltà u Trasport*

European Union, 2013 – MI-01-13-140-MT-C